Nru./No. 20,372
Prezz/Price
€4.68

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2020
Tuesday, 24th March, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 2645 - 2656
*Government Notices ........ 2645 - 2656*

Avviżi tal-Pulizija ........ 2656
*Police Notices ........ 2656*

Opportunitajiet ta' Impieg ........ 2657
*Employment Opportunities ........ 2657*

Avviżi tal-Gvern ........ 2657 - 2731
*Notices ........ 2657 - 2731*

Offerti ........ 2731 - 2738
*Tenders ........ 2731 - 2738*

Avviżi tal-Qorti ........ 2738 - 2744
*Court Notices ........ 2738 - 2744*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 317**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 121 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar is-Saħħa Pubblika.

L-24 ta' Marzu, 2020

**Nru. 318**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,368 tas-17 ta' Marzu, 2020, Nru. 20,369 tat-18 ta' Marzu, 2020, Nru. 20,370 tal-20 ta' Marzu, 2020 u Nru. 20,371 tat-23 ta' Marzu, 2020.

A.L. 66 tal-2020: Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX tal-1980); Ordni tal-2020 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Avviż Legali 65 tal-2020).

A.L. 67 tal-2020: Att dwar il-Ħabs (Kap. 260); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħabs.

A.L. 68 tal-2020: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni tal-2020 dwar l-Adattament tal-Leġislazzjoni Sussidjarja tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

A.L. 69 tal-2020: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli dwar Programm ta' Irtirar f'Malta, il-Programm ta' Residenza Globali, il-Programm ta' Residenza u l-Programm tal-Pensjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

A.L. 70 tal-2020: *Accountancy Professionact (Cap. 281); Recognition of the Malta Institute of Accountants Regulations, 2020.*

A.L. 71 tal-2020: *Financial Institutions Act (Cap. 376); Financial Institutions Act (Safeguarding of Funds) (Amendment) Regulations, 2020.*

A.L. 72 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Infurzar ta' Ordnijiet li jirrigwardaw il-Kwarantina.

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 317**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazzette:

Bill No. 121 entitled the Public Health (Amendment) Act, 2020.

24th March, 2020

**No. 318**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,368 of the 17th March, 2020, No. 20,369 of the 18th March, 2020, No. 20,370 of the 20th March, 2020 and No. 20,371 of the 23rd March, 2020.

L.N. 66 of 2020: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2020 (Legal Notice 65 of 2020).

L.N. 67 of 2020: Prisons Act (Cap. 260); Prisons (Amendment) Regulations, 2020.

L.N. 68 of 2020: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Adaptation of Subsidiary Legislation (Duty on Documents and Transfers Act) Order, 2020.

L.N. 69 of 2020: Income Tax Act (Cap. 123); Malta Retirement Programme, Global Residence Programme, Residence Programme and the United Nations (''UN'') Pensions Programme (Amendment) Rules, 2020.

L.N. 70 of 2020: Accountancy Professionact (Cap. 281); Recognition of the Malta Institute of Accountants Regulations, 2020.

L.N. 71 of 2020: Financial Institutions Act (Cap. 376); Financial Institutions Act (Safeguarding of Funds) (Amendment) Regulations, 2020.

L.N. 72 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Enforcement of Directions relating to Quarantine (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 73 tal-2020: Att dwar Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441); Regolamenti tal-2020 dwar il-Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali.

L.N. 73 of 2020: Trading Licences Act (Cap. 441); Issue of Permits by Local Councils Regulations, 2020.

A.L. 74 tal-2020: Att dwar l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali (Kap. 582); Regolamenti tal-2020 dwar l-Għoti ta' Liċenzja ta' Emerġenza f'Ċirkostanzi Eċċezzjonali.

L.N. 74 of 2020: Social Care Standards Authority Act (Cap. 582); Granting of an Emergency Licence in Exceptional Circumstances Regulations, 2020.

A.L. 75 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Ħinijiet Legali rigward Konvenji, Kwistjonijiet Notarili u oħrajn relatati (Epidemiji u Mard Infettiv).

L.N. 75 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Suspension of Legal Times relating to Promise of Sale Agreements, Notarial and other related matters (Epidemics and Infectious Disease) Order, 2020.

A.L. 76 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

L.N. 76 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of Places Open to the Public Order, 2020.

A.L. 77 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Iskejjel (Perjodu ta' Estensjoni tal-Għeluq).

L.N. 77 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of Schools (Extension of Period of Closure) Order, 2020.

A.L. 78 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar Perjodu ta' Kwarantina (Kuntatt ma' persuni oħra).

L.N. 78 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Period of Quarantine (Contact with other persons) Order, 2020.

A.L. 79 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina.

L.N. 79 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Period of Quarantine (Amendment) Order, 2020.

A.L. 80 tal-2020: Att dwar Servizzi tal-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivjaġġar u Arranġamenti tal-Ivjaġġar Marbuta.

L.N. 80 of 2020: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Package Travel and Linked Travel Arrangements (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 81 tal-2020: Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363); Regolamenti tal-2020 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Gvern Lokali.

L.N. 81 of 2020: Local Government Act (Cap. 363); Local Government Act (Amendment of Twelfth Schedule) Regulations, 2020.

A.L. 82 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

L.N. 82 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of Places Open to the Public (Amendment) Order, 2020.

A.L. 83 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar ta' Ordni ta' Infurzar li jirrigwardaw l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.

L.N. 83 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Enforcement of the Order relating to Closure of Places Open to the Public Regulations, 2020.

A.L. 84 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali).

L.N. 84 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Epidemics and Infectious Disease (Suspension of Legal and Judicial Times) (Amendment) Order, 2020.

A.L. 85 tal-2020: Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Regolamenti tal-2020 dwar l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

L.N. 85 of 2020: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Commissioners for Justice Act (Schedule) Regulations, 2020.

A.L. 86 tal-2020: Att dwar Liċenzi tal-Kummerċ (Kap. 441); Regolamenti tal-2020 li jħassru r-Regolamenti tal-2020 dwar il-Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali.

L.N. 86 of 2020: Trading Licences Act (Cap. 441); Issue of Permits by Local Councils (Repeal) Regulations, 2020.

A.L. 87 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Fruit Trees Propagation Material (Amendment) Regulations, 2020.*

L.N. 87 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Fruit Trees Propagation Material (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 88 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) Regulations, 2020.*

L.N. 88 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 89 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2020.*

L.N. 89 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 90 tal-2020: Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji (Att Nru. IX tal-1980); Ordni tal-2020 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Avviż Legali 75 tal-2020).

L.N. 90 of 2020: Statute Law Revision Act, 1980 (Act No. IX of 1980); Correction of Laws Order, 2020 (Legal Notice 75 of 2020).

A.L. 91 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta’ Stazzjonijiet ta’ Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq.

L.N. 91 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of Vehicle Roadworthiness Testing Stations Order, 2020.

A.L. 92 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha.

L.N. 92 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Travel Ban (Extension to all Countries) Order, 2020.

A.L. 93 tal-2020: Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (Kap. 601), Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2020 dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi minn Stallazzjonijiet (Kapaċità bejn l-400kWp u inqas minn 1000kWp) ta’ Sorsi ta’ Enerġija li jiġġeddu.

L.N. 93 of 2020: Public Finance Management Act (Cap. 601), Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Competitive Bidding Rules for Renewable Sources of Energy Installations (Capacity between 400kwp and less than 1000kwp) Regulations, 2020.

A.L. 94 tal-2020: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta’ Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx).

L.N. 94 of 2020: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Feed-in Tariffs Scheme (Electricity Generated from Solar Photovoltaic Installations) (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 95 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta’ Ħwienet u Ħwienet ta’ Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali.

L.N. 95 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of Non-Essential Retail Outlets and Outlets Providing Non-Essential Services Order, 2020.

A.L. 96 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta’ Ħwienet ta’ Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali.

L.N. 96 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Enforcement of the Order relating to Closure of Non-Essential Retail Outlets and Outlets Providing Non-Essential Services Regulations, 2020

A.L. 97 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.

L.N. 97 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Closure of the Courts of Justice (Amendment) Order, 2020.

A.L. 98 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Iżolament Personali ta’ Persuni li Għandhom Dijanjosi.

L.N. 98 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Enforcement of the Order relating to Self-Isolation of Diagnosed Persons Regulations, 2020.

A.L. 99 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar l-Iżolament Personali ta’ Persuni li għandhom Dijanjosi.

L.N. 99 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Self-Isolation of Diagnosed Persons Order, 2020.

A.L. 100 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda s-Sospensjoni ta’ Avvenimenti Organizzati.

L.N. 100 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Enforcement of the Order relating to Suspension of Organised Events Regulations, 2020.

A.L. 101 tal-2020: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati.

L-24 ta' Marzu, 2020

**Nru. 319**

**ORDNI TAL-MINISTRU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

FL-EŻERĊIZZJU tas-setgħat mogħtija lilu bil-liġi, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għamel din l-Ordni li biha qed jiġi ordnat li l-liċenzji kollha ta' ċirkolazzjoni annwali ta' vetturi, liċenzji tas-sewqan, Liċenzji ta' Operatur, permessi ta' xufiera u/jew tags u kwalunkwe awtorizzazzjoni, permess jew liċenzja maħruġa mill-Awtorità b'rabta ma' kwalunkwe użu privat, operazzjoni, negozju jew attività marbuta mat-trasport fuq l-art li jiskadu mid-data ta' din l-Ordni jew wara għandhom jiġu estiżi awtomatikament sad-data tat-tħassir ta' din l-Ordni permezz ta' Ordni sussegwenti:

Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordni, l-ebda persuna ma tista' tuża jew tippermetti lil ebda persuna oħra li tuża kwalunkwe vettura fit-triq f'Malta kemm-il darba ma jkunx hemm fis-seħħ rigward dik il-vettura polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' riskji ta' partijiet terzi skont l-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta:

Iżda wkoll, il-kundizzjonijiet u l-obbligi kollha stabbiliti bil-liġi fuq id-detenturi ta' tali liċenzji, permessi u/jew awtorizzazzjonijiet għandhom jibqgħu japplikaw mutatis mutandis.

L-estensjonijiet awtomatiċi mogħtija permezz ta' din l-Ordni ma għandhom bl-ebda mod jeżentaw lill-benefiċjarju ta' kwalunkwe estensjoni bħal din mogħtija skont din l-Ordni mill-pagament ta' kwalunkwe miżata tal-liċenzja u/jew kwalunkwe ħlas ieħor li għandu jitħallas lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u/jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra skont il-liġi.

Din l-Ordni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tigi mħassra bi kwalunkwe Ordni sussegwenti.

(Iff.) Ian Borg
*Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali*

It-18 ta' Marzu, 2020

**Nru. 320**

**BORD TAD-DIRETTURI TAL-GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LTD**

Il-Ministru għal Għawdex ħatar il-Bord tad-Diretturi tal-Gozo Channel (Operations) Limited kif ġej:

L.N. 101 of 2020: Public Health Act (Cap. 465); Suspension of Organised Events Order, 2020.

24th March, 2020

**No. 319**

**ORDER OF THE MINISTER FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS**

IN exercise of the powers conferred on him by law, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has made this Order whereby it is being ordained that all annual circulation licences of motor vehicles, driving licences, Operator Licences, driver's permits and/or tags and any other authorisation, permit or licence issued by the Authority in relation to any private use, operation, business or activity related to road transport that expire as from the date of this Order or thereafter shall automatically be extended until the date of repeal of this Order by means of a subsequent Order:

Provided that, notwithstanding the provisions of this Order, no person may use or permit any other person to use any motor vehicle on a road in Malta unless there is in place with regards to such motor vehicle a policy of insurance in respect of third-party risks in terms of the Motor Vehicles Insurance (Third-Party Risks) Ordinance, Cap. 104 of the Laws of Malta:

Provided further that all terms, conditions and obligations established by law on the holders of such licences, permits and/or authorisations shall continue to apply mutatis mutandis.

The automatic extensions being granted by means of this Order shall not in any way exempt the beneficiary of any such extension granted in terms of this Order from the payment of any licence fees and/or any other fees payable to the Authority for Transport in Malta and/or any other competent authority in terms of law.

This Order shall continue to remain in force until it is repealed by any subsequent Order.

(Sgd) Ian Borg
*Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects*

18th March, 2020

**No. 320**

**BOARD OF DIRECTORS OF GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LTD**

The Minister for Gozo has appointed the Board of Directors of the Gozo Channel (Operations) Limited as follows:

*Chairperson*
Is-Sur Joe Cordina

*Segretarja tal-Kumpanija*
Dott. Marsette Portelli Xerri

*Diretturi*
Is-Sa Monica Borg
Is-Sur George Paul Camilleri
Is-Sur Joe Debono Grech
Is-Sa Monica Farrugia
Is-Sa Tania Vella
Is-Sur Anthony Bugeja
Is-Sur Carmel Buttigieg
Is-Sur Joseph Said

Dawn il-ħatriet huma b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2020, u jibqgħu fis-seħħ sas-17 ta' Marzu, 2021.

L-24 ta' Marzu, 2020

*Chairperson*
Mr Joe Cordina

*Company Secretary*
Dr Marsette Portelli Xerri

*Directors*
Ms Monica Borg
Mr George Paul Camilleri
Mr Joe Debono Grech
Ms Monica Farrugia
Ms Tania Vella
Mr Anthony Bugeja
Mr Carmel Buttigieg
Mr Joseph Said

These appointments are with effect from 18th March, 2020, and remain valid up to 17th March, 2021.

24th March, 2020

**Nru. 321**

**BORD TAD-DIRETTURI TAL-GOZO HELIPORT LIMITED**

IL-MINISTRU għal Għawdex ħatar il-Bord tad-Diretturi tal-Gozo Heliport Limited kif ġej:

*Chairperson*
Dr Lisa Brooke

*Diretturi*
Is-Sur Joseph Dingli
Is-Sur George Cini

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sas-17 ta' Marzu, 2021.

L-24 ta' Marzu, 2020

**No. 321**

**BOARD OF DIRECTORS OF GOZO HELIPORT LIMITED**

THE Minister for Gozo has appointed the Board of Directors of Gozo Heliport Limited as follows:

*Chairperson*
Dr Lisa Brooke

*Directors*
Mr Joseph Dingli
Mr George Cini

These appointments remain valid up to the 17th March, 2021.

24th March, 2020

**Nru. 322**

**TRANSPORT MALTA**

**Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment**

SKONT l-Artikolu 2 (1) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465), Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment (A.L. 42 tal-2020), is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'din tordna illi l-projbizzjoni ta' trasferiment ta' persuni lejn il-pajjiżi msemmija fil-lista li ġejja qed tiġi sospiża minħabba li l-ivvjaġġar ta' ċerti persuni huwa essenzjali:

| | | |
|---|---|---|
| 22nd March | AHO674D | Dubai – Malta |
| 23rd March | D-IECI | Malta – Bari |
| 23rd March | AFL7002/3 | Malta - Russia |
| 23rd March | KM7614/7615 | Malta-Rome |
| 23rd March | HMJ203 | Lyon-Malta |

**No. 322**

**TRANSPORT MALTA**

**Travel Ban Order, 2020**

IN terms of Article 2 (1) of the Public Health Act (Cap. 465), Travel Ban Order, 2020 (L.N. 42 of 2020), the Superintendent of Public Health hereby orders that a travel ban on persons to the countries mentioned in the following list is being suspended as the travel of certain persons is deemed to be essential:

| | | |
|---|---|---|
| 22nd March | AHO674D | Dubai – Malta |
| 23rd March | D-IECI | Malta – Bari |
| 23rd March | AFL7002/3 | Malta - Russia |
| 23rd March | KM7614/7615 | Malta-Rome |
| 23rd March | HMJ203 | Lyon-Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 24th March | KM4100/7100 | Malta-London |
| 24th March | KM4328/7328 | Malta-Frankfurt |
| 24th March | YUPMK | Lyon-Malta |

L-24 ta' Marzu, 2020

**Nru. 323**

**AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA**

**Tlestija ta' Formazzjoni ta' Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Ta' Ġiorni, San Ġiljan (indikata fuq il-pjanta f'paġna 2651)

Triq il-Merħba, Il-Fgura (indikata fuq il-pjanta f'paġna 2652)

Triq Maggie Moran, Paola (indikata fuq il-pjanta f'paġna 2653)

Parti minn Triq Ġużeppi Agius, Paola (indikata fuq il-pjanta f'paġna 2653).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mill-24 ta' Marzu, 2020, sal-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Ta' Ġiorni, San Ġiljan minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mill-24 ta' Marzu, 2020, sal-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Merħba, Il-Fgura minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mill-24 ta' Marzu, 2020, sal-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Maggie Moran, Paola minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mill-24 ta' Marzu, 2020, sal-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja f'parti minn Triq Ġużeppi Agius, Paola minħabba xogħlijiet fit-triq

Ħadd ma jista' jipparkja vetturi f'dawn il-ġranet. Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Marzu, 2020

| | | |
|---|---|---|
| 24th March | KM4100/7100 | Malta-London |
| 24th March | KM4328/7328 | Malta-Frankfurt |
| 24th March | YUPMK | Lyon-Malta |

24th March, 2020

**No. 323**

**AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA**

**Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension**

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Ta' Ġiorni, San Ġiljan (indicated on the site plan on page 2651).

Triq il-Merħba, Fgura (indicated on the site plan on page 2652).

Triq Maggie Moran, Paola (indicated on the site plan on page 2653).

Part of Triq Ġużeppi Agius, Paola (indicated on the site plan on page 2653).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with their obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 24th March, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq Ta' Ġiorni, San Ġiljan due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 24th March, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq il-Merħba, Il-Fgura due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 24th March, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq Maggie Moran, Paola due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 24th March, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in part of Triq Ġużeppi Agius, Paola due to road works.

Parking of vehicles is not allowed during these days. Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

24th March, 2020




INFRASTRUCTURE MALTA

UNIT NAME: REGIONS

HEAD OF UNIT: D.V.

PROJECT LEADER: -

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

DRAWN BY: M.B.

DRAWING TITLE: SAN GILJAN
TRIQ TA GIORNI
(Extents of works aren't binding but Indicative)

| DATE: | FILE NO: | DRAWING NO: |
|---|---|---|
| OCT 2019 | - | RD/359/19 |

| SHEET SIZE: | SCALE: | REVISION: | PAGE NO: |
|---|---|---|---|
| A4 | 1:5000 | A | 13 |

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\San Giljan\2019 San Giljan.dwg




INFRASTRUCTURE MALTA

| | |
|---|---|
| UNIT NAME: | IMPLEMENTATION |
| HEAD OF UNIT: | L.D. |
| PROJECT LEADER: | - |
| CHIEF EXECUTIVE OFFICER: | Ing. Fredrick Azzopardi |
| DRAWN BY: | - |
| DRAWING TITLE: | FGURA<br>p/o TRIQ IL-MERHBA SITE PLAN<br>(Extents of Works are not binding but indicative) |
| DATE: | DEC 2019 |
| FILE NO: | - |
| DRAWING NO: | RD393/19 |
| SHEET SIZE: | A4 |
| SCALE: | 1:2500 |
| REVISION: | A |
| PAGE NO: | 5 |

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Fgura.dwg




INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2020\Paola\2020 Paola.dwg

| | |
|---|---|
| UNIT NAME: IMPLEMENTATION | DRAWING TITLE: PAOLA<br>M. Moran & Po Triq Guzeppi Agius- SITE PLAN<br>(Extents of works aren't binding but Indicative) |
| HEAD OF UNIT: L.D. | |
| PROJECT LEADER: - | DATE: 2020 / FILE NO: - / DRAWING NO: - |
| DRAWN BY: - | SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: A / PAGE NO: 1 |

**Nru. 324**

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-PJANTI**

**Analiżi ta' Ħamrija u Ilma mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti**

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fi ħdan id-Dipartimet għall-Affarijiet Rurali fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, jinforma li minħabba ċ-ċirkostanzi attwali li nqalgħu bil-pandemija COVID-19, il-Laboratorju tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija qed jaħdem wara bibien magħluqa. Il-laboratorju waqaf milli jirċievi kampjuni ta' ħamrija u ilma biex jiġu ttestjati. Dawk il-bdiewa li għandhom bżonn jittestjaw il-ħamrija u l-ilma b'konnesjoni ma' AECM 5, jew biex jikkonformaw mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Nitrati, huma mħeġġa jikkuntattjaw lill-konsulenti reġistrati jew esperti tekniċi li huma elenkati hekk kif ġej:

(https://agriculturecms.gov.mt/en/agricultural_directorate/Pages/nitratesActionProg.aspx) għal esperti li joffru għajnuna fuq il-pjan għall-fertilizzanti;

(https://agriculture.gov.mt/en/phd/Pages/registeredAdvisors.aspx) għal esperti li joffru għajnuna fuq il-miżura AECM5 dwar il-pjan ta' immaniġġjar tal-ħamrija.

L-24 ta' Marzu, 2020

**No. 324**

**PLANT PROTECTION DIRECTORATE**

**Soil and Water Laboratory Testing by the Plant Protection Directorate**

THE Plant Protection Directorate within the Rural Affairs Department in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, informs that as a precaution amid the current circumstances which have arisen due to the COVID-19 pandemic, the Soil and Irrigation Water Laboratory will be working behind closed doors. The laboratory has stopped accepting soil and irrigation water samples for testing. Those farmers requiring soil and water testing in connection with AECM 5 or compliance with the Nitrate Action Plan, are advised to consult the registered advisors and technical experts listed as per the following links:

Fertiliser plan: (https://agriculturecms.gov.mt/en/agricultural_directorate/Pages/nitratesActionProg.aspx);

Soil Management Plan (AECM5): (https://agriculture.gov.mt/en/phd/Pages/registeredAdvisors.aspx).

24th March, 2020

**Nru. 325**

**ATT DWAR GVERN LOKALI (KAP. 363)**

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-23 ta' Marzu, 2020 għall-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex jimtela l-post li tbattal mis-Sa Sephora Cutajar huwa dak li ismu jidher hawn taħt:

CALLEJA JOHN MARY

J. CHURCH
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

L-24 ta' Marzu, 2020

**No. 325**

**LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)**

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 23rd March, 2020 for the Local Council of Birkirkara to fill the post vacated by Ms Sephora Cutajar is that whose name is shown hereunder:

CALLEJA JOHN MARY

J. CHURCH
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

24th March, 2020

**Nru. 326**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 326**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS ACT 1996 (CAP. 389)**

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjan Privat
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Stephen Perren | 433766M | 50, Reigate, Triq il-Qolla, Ħaż-Żebbuġ |
| Tushar Kanti Das | 216460A | 155, Joev, Triq Atocia, Il-Ħamrun |
| Suman Das | 223862A | 155, Joev, Triq Atocia, Il-Ħamrun |
| Nenad Bozic | 251157A | Alba Crt, Flat 2, Triq Dun Kalċidon Schembri, L-Imsida |
| Kona Das | 222817A | Marrina Apts, Flat 2, Xatt l-Imsida, L-Imsida |
| Pavel Pantovic | 252972A | Swatar Crt, Flat 3, Triq Mro Giuseppe Camilleri, Birkirkara |
| Ivan Gavrilovic | 191901A | Blue Angel, Flat 609, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar |
| Nadica Gavrilovic | 170261A | Blue Angel, Flat 609, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar |
| Stefan Gatt | 445286M | Blk E Flat 14, Triq il-Ġilju, Ħaż-Żabbar |

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-Pulizija jew mill-Forzi Armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the Police or Armed Forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-24 ta' Marzu, 2020

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

24th March, 2020

**Nru. 327**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 327**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 24.3.2020 | €45.241 | €0.410 |

L-24 ta' Marzu, 2020

24th March, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 47**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Iż-Żurrieq**

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju, 2020, mit-3.00 p.m. sad-9.30 p.m. minn Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2020, mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Triq il-Kbira u Misraħ ir-Repubblika.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Marzu, 2020

POLICE NOTICE

**No. 47**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Żurrieq**

On Sunday, 3rd May, 2020, from 3.00 p.m. till 9.30 p.m. through Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

On Wednesday, 27th May, 2020, from 6.00 p.m. till 10.00 p.m. through Triq il-Kbira and Misraħ ir-Repubblika.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th March, 2020

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

**Opportunitajiet ta' Xogħol tas-Sajf 2020 għall-Istudenti**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol javża lill-istudenti full-time kollha li temmew l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja, inklużi dawk fl-aħħar sena tal-istudji (11-il sena), li l-applikazzjoni għax-Xogħol tas-Sajf hija miftuħa.

Dawk l-istudenti li huma interessati għandhom japplikaw online fuq (https://edurecruitment.gov.mt/) u jtellgħu l-iskens taż-żewġ naħat tal-Karta tal-Identità tagħhom.

L-istudenti li ser itemmu l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja matul din is-sena skolastika huma meħtieġa li jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kap tal-Iskola rispettiva. Din trid tittella' fuq (edurecruitment.gov.mt).

Aktar informazzjoni tinstab fuq (education.gov.mt/studentsgrants).

L-applikazzjonijiet se jibqgħu miftuħin sa nofsillejl tal-Ġimgħa, 24 ta' April, 2020.

L-24 ta' Marzu, 2020

MINISTRY FOR EDUCATION
AND EMPLOYMENT

**Students' Summer Work Opportunities 2020**

The Ministry for Education and Employment notifies all full-time students having finished compulsory secondary education, including those at the final year of studies (Year 11), that the application for Summer Work Opportunities 2020 is now open.

Interested students are to apply online at (https://edurecruitment.gov.mt/) and attach the scans of both sides of their Identity Card.

Students who will finish compulsory secondary education during the current scholastic year are required to submit a declaration from the respective Head of School. This must also be uploaded on (edurecruitment.gov.mt).

More information can be found on (education.gov.mt/studentsgrants).

Applications will remain open until Friday, 24th April, 2020, at midnight.

24th March, 2020

DIPARTIMENT TAD-DWANA

**Ipproċessar tal-Applikazzjonijiet mill-Ispecial Procedures Unit (SPU) tad-Dwana**

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf lill-operaturi ekonomiċi kollha illi minħabba ċ-ċirkustanzi ta' bħalissa, kawża tal-Covid-19, minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020, sakemm joħroġ avviż ieħor, l-ipproċessar tat-transit documents (T1), id-dokumenti tal-inward u outward applications, l-end-use and temporary admissions (TA), flimkien ma' appuntamenti inkonnessjoni ma' export consignment li jkun magħżul għal spezzjoni fiżika, ikunu aċċettati u pproċessati biss b'mod elettroniku.

Għalhekk, huma mitluba li jibagħtu r-rikjesti tagħhom flimkien ma' applikazzjoni skennjata (fejn applikabbli), permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz ġeneriku (specialprocedures.customs@gov.mt).

Fil-prattika, dan ifisser li l-Ispecial Procedures Unit (SPU) se tgħin personalment lill-esportaturi jew l-aġenti tagħhom, li jkollhom bżonn jipproċessaw ċertifikati T2L, EUR1 u ATR, biss meta dawn ikollhom bżonn ċertifikat ittimbrat u b'firma oriġinali, u mhux f'każijiet oħra.

Aktar tagħrif u informazzjoni jistgħu jinkisbu billi tintbagħat ittra elettronika fl-indirizz indikat hawn fuq.

L-24 ta' Marzu, 2020

CUSTOMS DEPARTMENT

**Processing of applications by the Customs Special Procedures Unit (SPU)**

The Customs Department notifies all economic operators that in view of the prevailing situation arising out of Covid-19, as from Monday, 23rd March, 2020, until further notice, processing of the transit documents (T1), inward and outward applications, end-use and temporary admissions (TA) together with the booking of export consignments selected for physical inspection will only be accepted and processed electronically.

Therefore, they are requested to send requests together with the scanned application (where applicable) to the generic email account (specialprocedures.customs@gov.mt).

In essence, this means that the Special Procedures Unit (SPU) will assist in person exporters or their customs clearing agents who would need processing of T2Ls, EUR1 and ATR certificates only because they require an original signed and stamped certificate.

For additional clarification, an email can be sent to the above-mentioned email address.

24th March, 2020

DIPARTIMENT TAD-DWANA

**Ipproċessar ta' Liċenzji tal-Importazzjoni**

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf lill-operaturi ekonomiċi kollha illi minħabba ċ-ċirkustanzi ta' bħalissa, kawża tal-Covid-19, għal dan il-perjodu d-Dipartiment tal-Kummerċ qed jaċċetta biss applikazzjonijiet permezz ta' ittra elettronika. B'hekk, l-operaturi ekonomiċi huma mitluba li jibagħtu applikazzjonijiet skennjati. Wara, l-istess operaturi jirċievu ittra elettronika li jkollha mehmuż magħha sken tal-applikazzjoni pproċessata li tkun ukoll ikkupjata lid-Dipartiment tad-Dwana fl-indirizz elettroniku ġeneriku ġdid (licences.customs@gov.mt). L-uffiċjal tal-Customer Service Unit, fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, ikollu l-faċilità li jaċċessa din l-ittra elettronika.

Għal aktar kjarifiki jew tagħrif l-operaturi kummerċjali jistgħu jikkomunikaw mal-uffiċjal inkarigat fil-Customer Services Unit tad-Dwana, jew bin-numru tat-telefown 2568 5123 jew permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (customercare.customs@gov.mt).

L-24 ta' Marzu, 2020

CUSTOMS DEPARTMENT

**Processing of Import Licences**

The Customs Department notifies all economic operators that in view of the prevailing situation arising out of Covid-19, for the time being, the Commerce Department will be accepting only email based applications. Thus, economic operators are being requested to submit scanned applications. An email, containing the same scanned, processed application would be sent to the operators themselves and subsequently to the Customs Department at the newly created generic account (licences.customs@gov.mt), which may be accessed by personnel at the Customer Services Unit of the Customs Department.

For additional clarifications or information, economic operators may contact the officer in charge at the Customs Customer Services Unit on telephone 2568 5123 or by sending an email to (customercare.customs@gov.mt).

24th March, 2020

DIPARTIMENT TAD-DWANA

**Ħruġ tal-Gate Pass Out u Preżentazzjoni tad-Dokumenti Kollha Meħtieġa**

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf lill-operaturi ekonomiċi kollha illi minħabba ċ-ċirkustanzi ta' bħalissa, kawża tal-Covid-19, minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020, u b'mod mandatorju minn nhar l-Erbgħa, l-1 ta' April, 2020, sakemm joħroġ avviż ieħor, il-ħruġ tal-gate pass out għal containers full load jew groupage, li jkunu ħerġin mill-Freeport Terminal, għandhom isiru b'mod elettroniku.

L-operaturi ekonomiċi jew il-burdnara tagħhom huma mitluba biex jiskennjaw kopja tad-dokumenti neċessarji kollha, flimkien ma' kopja tal-avviż tal-arrival/delivery order, fattura, packing list, T2L, ċertifikati, eċċ., u jibagħtuhom permezz ta' ittra elettronika lil (gatepasses.customs@gov.mt). Dan il-proċess mhux neċessarju jekk l-operatur ekonomiku jkun diġà hemeż b'mod elettroniku dawn id-dokumenti mal-import declaration tad-Dwana. Id-Dipartiment jipproċessa d-dokument, joħroħ u jibgħat il-gate pass permezz tal-istess indirizz elettroniku, filwaqt li jikkopja lill-uffiċċji tad-Dwana fil-Freeport. Id-Dipartiment iżomm id-dritt li jitlob id-dokumenti oriġinali fejn iħoss li jkun neċessarju. L-operatur ekonomiku hu mitlub li jistampa l-gate pass u jippreżentah fil-Freeport Gate.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sa Rachelle Fiorini fl-indirizz elettroniku (customercare.customs@gov.mt).

L-24 ta' Marzu, 2020

CUSTOMS DEPARTMENT

**Issuing of the Gate Pass Out and Presentation of All Supporting Documents**

The Customs Department notifies all economic operators that in view of the prevailing situation arising out of Covid-19, that as from Monday, 23rd March, 2020, which will become mandatory as of Wednesday, 1st April, 2020, until further notice, issuing of the gate pass out for full load and groupage containers exiting from the Freeport Terminal would need to be done electronically.

Traders or their customs clearing agents are being requested to scan a copy of all the required documents, including a copy of the notice of arrival/delivery order, invoice, packing list, T2L certificates, etc and sent them via email to (gatepasses.customs@gov.mt). This is not required if the economic operator had already previously electronically attached such documents to the import customs declaration. Customs will process the document, issue and return the gate pass via the same email address copying customs officers stationed at Freeport. The Department reserves the right to ask for the original documents where it deems appropriate. The economic operator is required to print the gate pass and present it at the Freeport Gate.

Further information may be obtained from Ms Rachelle Fiorini on (customercare.customs@gov.mt).

24th March, 2020

DIPARTIMENT TAD-DWANA

**Ipproċessar ta' Dokumenti tad-Dwana Magħżula għall-Verifika**

Id-Dipartiment tad-Dwana jgħarraf lill-operaturi ekonomiċi kollha illi minħabba ċ-ċirkustanzi ta' bħalissa, kawża tal-Covid-19, anke b'rabta mal-Business Strategy għall 2020-2022 tad-Dwana, il-faċilità biex jittellgħu u jkunu aċċessati d-dokumenti kollha marbuta mal-import declarations fin-National Import and Export Systems (NIES) se tibda minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020, u tkun mandatorja minn nhar l-Erbgħa, l-1 ta' April, 2020. L-introduzzjoni ta' din il-miżura, fil-fatt, kienet ippjanata għat-tielet kwart tal-2020. B'danakollu, id-Dipartiment ħaseb biex jibdieha minn issa bil-għan li jitnaqqas il-kuntatt bejn persuna u oħra fl-isforz biex ikun imrazzan it-tixrid tal-corana virus.

Din il-miżura tapplika kemm fil-każ ta' full load kif ukoll fejn jirrigwardja groupage consignments trasportati bil-baħar. Fil-fatt, dan ifisser li l-fatturi kollha, packing lists, bills of lading, notices of arrival, ċertifikati u dokumenti oħra marbuta ma' kunsinna partikulari, għandhom ikunu mehmuża mad-dikjarazzjoni rilevanti.

Huwa importanti li:

(a) Id-Dokumenti jkun skennjati bil-kulur oriġinali;
(b) Id-Dokumenti jkunu skennjati bil-qisien oriġinali;
(c) L-ebda paġna jew parti minnha ma tkun imħollija barra
(d) Iż-żewġ naħat tal-paġna (fejn applikabbli) ikunu skennjati;
(e) Id-dokumenti skennjati jkunu ppreżentati f'wieħed minn dawn il-formati: PDF, JPG, JPEG, TIF, BMP or PNG; u
(f) L-informazzjoni kollha tkun ċara u tinqara.

B'hekk ikun iffaċilitat il-proċess tal-veriifika tad-dikjarazzjonijiet magħżula għall-verifika tad-dokumenti (sofor). L-ipproċessar ta' dawn id-dokumenti mhux se jibqa' jkun aċċettat fil-Customer Services Unit, Il-Belt Valletta, jew fil-Verification Unit f'Ħal Luqa. Kull meta dikjarazzjoni ta' full load container tkun magħżula għall-verifika dokumentarja, Uffiċjali tad-Dwana li jkunu stazzjonati fil-Verification Unit se jkunu qed jagħmlu l-verifika xħin l-operatur ekonomiku jibgħat ittra elettronika fl-uffiċċju tad-Dwana (verification.customs@gov.mt) bil-local reference number (LRN). Id-Dipartiment jzomm id-dritt li jitlob dokumenti oriġinali (pereżempju EUR1, ċertifikat tal-ATR, liċenzja ta' importazzjoni).

Aktar kjarifiki jew informazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Customs Verification Unit (Tel. 2169 1450) jew billi tintbagħat ittra elettronika lid-Direttur, Konformità u Sistemi fuq (alan.mamo@gov.mt).

L-24 ta' Marzu, 2020

CUSTOMS DEPARTMENT

**Processing of Customs Documents Selected for Documentary Check**

The Customs Department notifies all economic operators that in view of the prevailing situation arising out of Covid-19, and in line with its Business Strategy 2020 – 2022, the uploading of all supporting documents to import declarations in the National Import and Export Systems (NIES) will commence on Monday, 23rd March, 2020, and become mandatory from Wednesday, 1st April, 2020. This measure was planned to be introduced in Q3 2020, however the Department anticipated its launch to help in social distancing aimed at curbing the spread of the corona virus.

This measure applies to full load and groupage consignments transported by sea. Essentially, this means that all invoices, packing lists, bills of lading, notices of arrival, certificates and other documents related to the particular consignment have to be attached with the relevant declaration.

It is important that:

(a) documents are colour scans of the original;
(b) documents are scanned at the original size;
(c) no part or pages of the documents are omitted;
(d) both sides of the page (where applicable) are scanned;
(e) scanned documents are presented in one of the following formats: PDF, JPG, JPEG, TIF, BMP or PNG; and
(f) information is clear and readable.

This will facilitate the verification process of declarations selected for documentary checks (yellow). The processing of these documents will no longer be accepted at the Customer Services Unit in Valletta or the Verification Unit in Ħal Luqa. When a declaration of full load container is selected for documentary check, Customs Officers stationed at the Verification Unit would carry the check as soon as the Economic Operator sends an email to this office (verification.customs@gov.mt) with the local reference number (LRN). The Department reserves the right to demand original documents (e.g. EUR1, ATR certificate, import licence).

Additional clarifications or information may be obtained from the Customs Verification Unit (Tel. 2169 1450) or by sending an email to Director Compliance and Systems on (alan.mamo@gov.mt).

24th March, 2020

## AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510), l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) addottat l-Istandards Ewropej u internazjonali, imħejjija taħt l-awspiċi tal-Kumitat Ewropew għall-Għemil ta' Standards (CEN), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), tal-Kumitat Ewropew għall-Għemil ta' Standards fl-Elettroteknika (CENELEC), u l-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika (IEC), bħala Standards Nazzjonali Maltin. Għalhekk, barra li huma standards Ewropej u internazjonali, l-MCCAA approvat u aċċettat dawn l-iStandards li issa għandhom status ta' Standards Nazzjonali mid-data ta' din il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-Gvern.

Dettalji ta' dawn l-istandards jistgħu jinkisbu minn:

(standards@mccaa.org.mt)

Dawn l-i*standards* jistgħu jinkisbu mingħand l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Il-Ħamrun, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, *Website*: (http://www.mccaa.org.mt).

L-24 ta' Marzu, 2020

## MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

In exercise of the powers conferred by article 22 of the Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act (Cap. 510), the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) has adopted the following European and international Standards, prepared under the auspices of the European Committee for Standardization (CEN), the International Organization for Standardization (ISO), the European Committee for Electrotechnical Standardization (CENELEC) and International Electrotechnical Commission (IEC), as Maltese National Standards. Therefore, in addition to being European and/or international Standards, the MCCAA has approved and endorsed these Standards which now have the status of National Standards as from the date of this Government official publication.

Details of these standards can be obtained from:

(standards@mccaa.org.mt)

These standards are available from the Malta Competition and Consumer Affairs Authority, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Ħamrun, Malta.

Tel: (+356) 2395 2000, Fax: (+356) 2124 2406, Website: (http://www.mccaa.org.mt).

24th March, 2020

| National Standard | National Standard | National Standard | National Standard |
|---|---|---|---|
| SM EN IEC 62041:2020 | SM EN 17092-3:2020 | SM EN 4855-02:2020 | SM EN 13922:2020 |
Avviż Nru. 27. Kiri tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija tal-Ħanut vojt f'Nru. 2, Triq Fuq San Pawl, Bormla, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 2 fuq il-pjanta P.D.2009_399. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €11,661 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef tmien mija sebgħa u tmenin ewro (€3,887) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 28. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja kummerċjali preżenti li jintemm fil-21 ta' Settembru, 2028, tal-Ħanut vojt f'Nru. 5 (qabel Nru. 2), Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 48_83_14. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €14,688 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef tmien mija sitta u disgħin ewro (€4,896) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din it-tender hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 29. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' ewro u disgħin ċenteżmu (€1.90) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fid-19 ta' Awwissu, 2083, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Antonio Micallef tal-10 ta' Lulju, 1847, u li ġie estiż skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-20 ta' Diċembru, 1933, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' Garaxx inkluża l-arja tiegħu f'Nru. 29 (Gia 12) fi Triq Zimelli, Il-Ħamrun, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2013_336_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,504 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamest elef u tmienja

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 26th March, 2020.**

Advt No. 26. Sale of the aperture servitudes overlooking Government property, at No. 349, Triq D'Argens, Gzira as shown edged in red on plan P.D. 2019_0210. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €2,592 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-five thousand nine hundred and twenty euro (€25,920) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 27. Lease tale quale in its present state including any latent defects of a bare Shop at No. 2, Triq Fuq San Pawl, Bormla as shown edged in red and marked No. 2 on plan P.D.2009_399. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €11,661 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand eight hundred and eighty-seven euro (€3,887) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 28. Lease, for the remaining period of the present commercial lease which ends on the 21st September, 2028, of the Bare Shop at No. 5 (previously No. 2), Triq il-Barrieri, Ħal Kirkop, shown edged in red on plan P.D.48_83_14. Present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €14,688 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand eight hundred and ninety-six euro (€4,896) per annum will not be considered. This tender is subject to a right of first refusal. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 29. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one euro and ninety cents (€1.90) per annum, for the remaining period which expires on the 19th August, 2083, as per deed in the acts of Notary Antonio Micallef dated 10th July, 1847, which was extended as per deed in the acts of Notary Salvatore Borg Olivier dated 20th December, 1933, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Garage including its own airspace at No. 29 (Gia 12) in Triq Zimelli, Ħamrun, shown edged in red on plan P.D.2013_336_A. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,504 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and five thousand and

u tletin ewro (€105,038) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 30. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena ta' sit fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2015_0488. Dan is-sit irid jintuża biss bħala ġnien. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf mitejn u sittin ewro (€1,260) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 2 ta' April, 2020.**

Avviż Nru. 31. Bejgħ tale quale ta' Sit fi Triq Tal-Qattus kantuniera ma' Triq Dun Vincenz Saliba, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0790. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,830 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmintax-il elf mitejn tlieta u disgħin ewro (€18,293) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 32. Għotja b'Ċens Temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena tale quale ta' Sit fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2016_1195. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €42,075 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbatax-il elf u ħamsa u għoxrin ewro (€14,025) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 33. Kiri tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija għal skopijiet kummerċjali tal-Fond b'Nru. 47, Triq L-Ibjar, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0490. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €25,461 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef erba' mija sebgħa u tmenin ewro (€8,487) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, tista' tinkiseb mill-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Ma ssirx rifużjoni għal flus li jkunu diġà tħallsu għad-dokument tal-offerta.

L-24 ta' Marzu, 2020

thirty-eight euro (€105,038) will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 30. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years of a site at Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar as shown edged in red on the plan P.D. 2015_0488. This site is to be used only as a garden. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and two hundred and sixty euro (€1,260) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 2nd April, 2020.**

Advt. No. 31. Sale tale quale of a Site at Triq Tal-Qattus cornering with Triq Dun Vincenz Saliba, Birkirkara as shown edged in red on plan P.D. 2019_0790. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,830 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand two hundred and ninety-three euro (€18,293) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt. No. 32. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years tale quale of a Site at Marsa Industrial Estate as shown edged in red on plan P.D.2016_1195. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €42,075 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand and twenty-five euro (€14,025) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt. No. 33. Lease tale quale in its present state including any latent defects for commercial purposes of the Premises at No. 47, Triq l-Ibjar, Valletta as shown edged in red on plan P.D.2019_0490. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €25,461 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand four hundred eighty-seven euro (€8,487) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should only be made on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, is obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Tender fees are non-refundable.

24th March, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Ġimgħa, 3 ta' April, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:**

CFT 009-0264/20. Double Regulating Valves
CFT 022-0242/20. Canopies for FDDU & FW2 at MCH
CFT 009-0243/20. Air Devices
CFT 021-0244/20. Sodium Chloride 0.9% x100mL IV Infusion
CFT 021-0245/20. Ketamine 500mg Injection
CFT 021-0246/20. Desferroxamine 500mg Injections
CFT 021-0247/20. Flupenthixol 20mg Injections
CFT 021-0248/20. Alfentanil hydrochloride 5mg injection
CFT 021-0249/20. Ondansetron 8 mg Injections
CFT 021-0250/20. Bumetanide 5mg tablets
CFT 020-0251/20. Riplex jaques nelaton catheter 12fr

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Ġimgħa, 21 ta' April, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:**

CFT 020-0263/20. Povidone Iodine Non Adherent Dressing - Sterile
CFT 020-0265/20. Chlorhexidine in 70% Isopropyl Alcohol
CFT 020-0266/20. Chlorhexidine 4% Saponaceous Solution
CFT 022-0267/20. Provvista ta' intervent strutturali li jinvolvi konsolidazzjoni, tibdil u/jew rikostruzzjoni ta' soqfa b'timber beams għal standards għoljin ta' enerġija effiċjenti bl-użu ta' materjali u prodotti ta' kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent bħala parti mir-rinnovar tal-Isptar Mount Carmel
CFT 020-0268/20. Fish Probes Leukaemia
CFT 020-0269/20. Povidone Iodine 7.5% Surgical Scrub
CFT 021-0270/20. Chloramphenicol Eye Oint. 1%
CFT 020-0271/20. Alcohol Surface Wipes
CFT 021-0272/20. Erythromycin 250mg tabs/caps
CFT 020-0273/20. Reagents for Cytogenetics
CFT 020-0274/20. Universal Containers with spoon
CFT 021-0275/20. Ciprofloxacin oral suspension
CFT 020-0276/20. Neontal and Paediatric Trachesotomy tubes cuffed, various sizes
CFT 020-0277/20. Radiation Protective Eyewear u Face Visor/Mask

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

**Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Friday, 3rd April, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:**

CFT 009-0264/20. Double Regulating Valves
CFT 022-0242/20. Canopies for FDDU & FW2 at MCH
CFT 009-0243/20. Air Devices
CFT 021-0244/20. Sodium Chloride 0.9% x100mL IV Infusion
CFT 021-0245/20. Ketamine 500mg Injection
CFT 021-0246/20. Desferroxamine 500mg Injections
CFT 021-0247/20. Flupenthixol 20mg Injections
CFT 021-0248/20. Alfentanil hydrochloride 5mg injection
CFT 021-0249/20. Ondansetron 8 mg Injections
CFT 021-0250/20. Bumetanide 5mg tablets
CFT 020-0251/20. Riplex jaques nelaton catheter 12fr

**Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 21st April, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:**

CFT 020-0263/20. Povidone Iodine Non Adherent Dressing - Sterile
CFT 020-0265/20. Chlorhexidine in 70% Isopropyl Alcohol
CFT 020-0266/20. Chlorhexidine 4% Saponaceous Solution
CFT 022-0267/20. Provision of structural intervention involving the consolidation, replacement and/or reconstruction of ceilings with timber beams to high energy efficiency standards using environmentally friendly construction materials and products as part of the refurbishment of Mount Carmel Hospital
CFT 020-0268/20. Fish Probes Leukaemia
CFT 020-0269/20. Povidone Iodine 7.5% Surgical Scrub
CFT 021-0270/20. Chloramphenicol Eye Oint. 1%
CFT 020-0271/20. Alcohol Surface Wipes
CFT 021-0272/20. Erythromycin 250mg tabs/caps
CFT 020-0273/20. Reagents for Cytogenetics
CFT 020-0274/20. Universal Containers with spoon
CFT 021-0275/20. Ciprofloxacin oral suspension
CFT 020-0276/20. Neontal & Paediatric Trachesotomy tubes cuffed, various sizes
CFT 020-0277/20. Radiation Protective Eyewear and Face Visor/Mask

CFT 019-0278/20. Provvista ta’ analiżi kimiċi u batterjoloġiċi ta’ ilma
CFT 020-0279/20. Probe Covers

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 22 ta’ April, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:**

CFT 020-0280/20. In Line IV Filters 0.22microns
CFT 020-0281/20. Flourescine ophtolmic strips
CFT 020-0282/20. Three-way Stopcocks
CFT 020-0283/20. Arterial Catheterisation Set (Seldinger Technique)
CFT 020-0284/20. Hydrocolloid Past

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista’ jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f’dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista’ jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-24 ta’ Marzu, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali Sourcing and Supply Chain Management Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

**Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-avviż li ġej:**

RFP Nru. 019-6019/20. Provvista ta’ akkomodazzjoni b’xejn għal professjonisti tas-saħħa.

Dawn it-Talbiet għall-Parteċipazzjoni (Central Procurement and Supplies Unit) jistgħu jitniżżlu minn (https://deputyprimeministercms.gov.mt/en/cpsu/Pages/Procurement/Published%20Calls/Negotiated%20Procedure%20without%20Prior%20Publication/NP-without-Prior-Publication.aspx).

L-24 ta’ Marzu, 2020

CFT 019-0278/20. Provision of bacteriological and chemical analyses of rinse water
CFT 020-0279/20. Probe Covers

These tender documents are free of charge.

**Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 22nd April, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:**

CFT 020-0280/20. In Line IV Filters 0.22microns
CFT 020-0281/20. Flourescine ophtolmic strips
CFT 020-0282/20. Three-way Stopcocks
CFT 020-0283/20. Arterial Catheterisation Set (Seldinger Technique)
CFT 020-0284/20. Hydrocolloid Past

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

24th March, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director Sourcing and Supply Chain Management, Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), in the Ministry for Health notifies that:

**Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received:**

RFP No. 019-6019/20. Provision of free accomodation to Healthcare professionals.

The documents for the above Central Procurement and Supplies Unit Request for Participation can be downloaded from (https://deputyprimeministercms.gov.mt/en/cpsu/Pages/Procurement/Published%20Calls/Negotiated%20Procedure%20without%20Prior%20Publication/NP-without-Prior-Publication.aspx)

24th March, 2020

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Il-Kunsill Lokali l-Isla jgħarraf illi:

**Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Isla, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April, 2020, għal:**

Provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' sistema ta' CCTV

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Marzu, 2020

ISLA LOCAL COUNCIL

The Isla Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Isla Local Council through ePPS, up to o 9.30 a.m. on Monday, 7th April, 2020, for:**

Supply, installation and commissioning of CCTV system

Tender documents are free of charge and are to be viewed, downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th March, 2020

KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

Il-Kunsill Lokali l-Għasri jgħarraf illi:

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' April, 2020, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali l-Għasri, għal:**

Avviż Nru. GSR-2020-1. Kisi mill-ġdid ta' Triq Wied Sara bl-asfalt.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Marzu, 2020

GĦASRI LOCAL COUNCIL

The Għasri Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Għasri Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday, 21st April, 2020, for:**

Advt No. GSR-2020-1. Resurfacing of Triq Wied Sara with asphalt.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th March, 2020

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

417

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Kevin Zammit et vs Carmel Galea, Rikors 908/06, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati Kevin

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 17th February, 2020, in the records of the Application in the names Kevin Zammit et vs Carmel Galea, Application 908/06, the following publication was ordered for the

Zammit u Margaret Zammit, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Kevin Zammit u Margaret Zammit vs Carmel Galea fis-6 ta' Frar, 2015, ir-rikorrenti Carmel Galea (KI 348956M) espona bir-rispett:

1. Illi l-esponenti appellati ppreżentaw rikors fejn ippremettew is-segwenti:

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-art fil-kontrada Tal-Brolli ukoll magħrufa bħala Ta' Sansajna fil-limiti ta' Birżebbuġa.

Illi l-intimat kien ħa l-art b'titolu ta' tolleranza minn missier Kevin Zammit skond skrittura (Dok. A u Dok. B).

Illi bl-ittra uffiċjali 'Dok. C' l-intimat ġie mitlub biex jirritorna l-art u t-titolu ta' tolleranza tiegħu ġie effettivament terminat.

… omissis …

Illi huma talbu lill-Ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara illi:

i. L-intimat qiegħed jokkupa l-art mingħajr titolu legali.

… omissis …

iv. tordna lill-intimat jiżgombra mill-art inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali.

2. Illi l-konvenut appellant permezz tar-risposta ġuramentata eċċepixxa s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok Kevin u Margaret Zammit ma għandhomx interess ġuridiku stante li ma humiex il-proprjetarji u dan anke fid-dawl tal-eċċezzjonijiet li se jingħataw aktar 'l isfel.

… omissis …

Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponent ereġġa diversi stabbli u inkorra diversi spejjeż sabiex iżomm l-art meritu tal-kawża fi stat tajjeb, u allura għandhom jiġu

purpose of service of the respondents Kevin Zammit and Margaret Zammit, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal in the names Kevin Zammit and Margaret Zammit vs Carmel Galea on the 6th February, 2015, the applicant Carmel Galea (ID 348956M) respectfully pleaded:

1. That the interpellant respondents presented an application whereby they premised the following:

That the applicants are the owners of the land in the vicinity of Tal-Brolli known also as Ta' Sansajna in the limits of Birżebbuġa.

That the respondent had taken the land by title of tollerance from the father of Kevin Zammit according to a writing (Doc. A and Doc. B).

That by means of the judicial letter 'Doc. C' the respondent was asked to return the land and his title of tollerance was effectively terminated.

… omissis …

That they asked the Honourable First Court to declare that:

i. The respondent is occupying the land without a legal title.

… omissis …

iv. Order the respondent to vacate the land in question within a short and peremptory period.

With costs and legal interest.

2. That the defendant appellant by means of a sworn reply pleaded the following:

That in the first place Kevin and Margaret Zammit do not have a juridical interest since they are not the owners and this even in the light of the pleas that shall be raised further down.

… omissis …

That without prejudice to the above the interpellant made various ameliorations and incurred various expenses in order to keep the land merit of the dispute in a good state and thus

likwidati l-ispejjeż minnu inkorsi fit-terminu ta' dak li jiddisponu l-Artikoli 540 et sequitur tal-Kap. 16.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

3. Illi b' sentenza mogħtija nhar it-28 ta' Jannar, 2015, il-Qorti Ċivili Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta' Carmel Galea, laqgħet l-ewwel talba tal-atturi u ddikjarat illi Carmel Galea qed jokkupa l-art fil-kontrada tal-Brolli, magħrufa bħala Ta' Sansajna fil-limiti ta' Birzebbuġa mingħajr titolu legali, u laqgħet ir-raba' talba tal-atturi kif jingħad fir-rikors.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsiti fis-segwenti:

L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dan meta abbraċċat b'mod komplet il-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku Godwin Abela.

… omissis …

Fl-ewwel lok jiġi rilevat kuntrarjament ta' dak li osservat l-Ewwel Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel eċċezzjoni sollevat mill-intimat illum appellant kienet fil-fatt ibbażata fuq il-fatt illi l-art reklamata mir-rikorrenti appellati ma hijiex l-istess art li huwa jippossedi. Għaldaqstant l-eżerċizzju li sar mill-Perit Abela kien wieħed indispensabbli fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-appellat fejn huwa laqa' għat-talbiet tal-appellati billi eċċepixxa illi l-appellati m'għandhomx interess ġuridiku stante illi huma ma humiex il-proprjetarji.

… omissis …

Illi għalhekk fl-umli opinjoni tal-appellant il-Qorti kellha tiddipartixxi mill-konklużjonijiet imressqa mill-Perit Tekniku stante d-diversi inkonsistenti eżistenti fl-istess rapport.

… omissis …

Fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-art li wiret l-appellanti mingħand missieru qiegħda fil-kontrada tal-Brolli, magħrufa x-Xgħira, mentri l-art tal-appellanti qiegħda fil-kontrada Ta' Sansajna u dan kif jirriżulta mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

… omissis …

Illi inoltre jiġi sottomess ulterjorment illi filwaqt illi fl-istess għalqa tal-appellati hemm kamra tal-ġebel tas-

the expenses incurred by him should be liquidated in terms of that stipulated by Articles 540 et sequitur of Cap. 16.

Saving other pleas.

3. That by means of a judgement given on the 28th January, 2015, the Civil Court First Hall rejected all the pleas of Carmel Galea, upheld the first demand of the plaintiffs and declared that Carmel Galea is occupying the land in the vicinity of Tal-Brolli, known as 'Ta' Sansajna' in the limits of Birżebbuġa, without a legal title and upheld the fourth demand of the plaintiffs as stated in the application.

That the grievance is clear and manifest and consits in the following:

The Court of First Instance made a wrong evalutation of the proof brought before it and this when it completely upheld the conclusions reached by the Technical Referee Godwin Abela.

… omissis …

In the first place it is pointed out that contrary to that observed by the Court of First Instance in its considerations, the first plea raised by the respondent today appellant was in fact based on the fact that the land reclaimed by the applicant respondents is not the same land he posseses. Thus the exercise made by Architect Abela was indispensable in the light of the first plea of the appellant whereby he upheld the demands of the respondents by pleading that the respondents do not have a juridical interest since they are not the owners.

… omissis …

That thus in the humble opinion of the appellant the Court had to depart from the conslusions brought forward by the Technical Referee due to the various inconsistencies in the same report.

… omissis …

In the first instance it is pointed out that the land that the appellant inherited from his father is in the vicinity of Tal-Brolli, known ix-Xgħira, whilst the land of the appellant is in the vicinity of Ta' Sansajna, and this as results from the proof before the Court of First Instance.

… omissis …

That furthermore it is further submitted that whilst in the same field of the respondents there is a rubble room

sejjieħ ta' daqs konsiderevoli, fl-għalqa li qed jirreklamaw l-appellati ma hemmx din il-kamra.

… omissis …

Saħansitra lanqas hemm qbil fuq l-irjiħat tal-art inkwistjoni. Fil-fatt dawn ma jaqblux mal-irjiħat kif imniżżla fuq il-kuntratt ta' akkwist ta' John Zammit.

Illi di più l-appellat naqas milli jipprova b'mod ċar kif kellu l-obbligu li jagħmel il-provenjenza tal-art reklamata minnu. Kulma esebixxa l-appellat huwa l-kuntratt li bih xtara missieru. A kuntrarju ta' dan, il-konvenut esebixxa l-kuntratt li permezz tiegħu akkwista l-awtur ta' John Zammit minn fejn irriżulta illi Spiridione Zammit kien akkwista mingħand Michele Scibberas fl-1969. Kwindi s-Sur Scibberas imsemmi fid-dokument tad-Dipartiment tal-Agrikolutura bħala s-sid ma kienx is-sid tal-art reklamata mill-atturi stante illi Michele Scibberas awtur tal-awtur xtara l-istess art fl-1967 u dan kif jirriżulta mill-parti li tindika l-provenjenza fil-kuntratt bejn Spiridione Zammit u Michele Scibberas.

Illi di più teżisti anke inkonsistenza fix-xhieda mogħtija kemm mill-attur illum appellat kif ukoll minn ħuh.

… omissis …

Illi fir-rigward tal-attur Kevin Zammit illum appellat mistoqsi in kontroeżami kondott fis-16 ta' Marzu, 2009, jekk l-art li wiret hijiex biss dik li qed jokkupa l-appellant huwa wieġeb fl-affermattiv. Din l-affermazzjoni tirriżulta kontradetta mir-rapport peritali li kkonkluda li d-daqs indikat fil-kuntratt ta' akkwist ta' John Zammit u l-art tal-appellant hemm diskrepanza ta' ċirka sitt mitt metru kwadru.

… omissis …

Inoltre in kontroeżami jgħid li huwa sar jaf bl-appellant għax kien qallu bih missieru u qallu li l-esponent kien mar jarah biex jitolbu permess jaħdem l-art inkwistjoni. Dan huwa in kontradizzjoni ma' dak mistqarr minn Ivor Zammit u ċjoè li kienu hu u missieru li marru għand l-appellant u mhux viċi versa.

… omissis …

Aggravju ieħor tal-appellant huwa dak ibbażat fuq il-preskrizzjoni. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost

of considerable size, in the field that the respondents are reclaiming there is no such room.

… omissis …

Furthermore there is not even agreement on the boundaries of the land in question. In fact these do no tally with the boundaries written down on the contract of acquistion of John Zammit.

That furthermore the respondent failed to proof clearly as he had the obligation to do the root of title of the land claimed by him. What the respondent exihibited was the contract in virtue of which his father purchased. Contrary to this the defendant exhibited the contract by means of which the predecssor of John Zammit acquired from where it results that Spiridione Zammit had acquired from Michele Scibberas in 1969. Thus Mr Sciberras mentioned in the Document of the Department of Agriculture as the owner was not the owner of the land reclaimed by the owners since Michele Sciberras predecessor the plaintiff bought the same land in 1967 and this as results from the part which indicates the root of title of the land in the contract between Spridione Zammit and Michele Sciberras.

That furthermore there exists also an inconsitency in the evidence given both by the plaintiff today respondent as well as his brother.

… omissis …

That as regards the plaintiff Kevin Zammit today respondent asked in cross examination on the 16th March, 2009, if the land he inherited is not only that which the appellant is occupying he replied in the affirmative. This affirmation results to be contradicted from the referee's report which concluded that the size indicated in the contract of acquistioin of John Zammit and the land of the appellant there is a discrepancy of circa six hundred square metres.

… omissis …

That furthermore in cross examination he states that he came to know about the appellant as his father had told him about him and told him that the interpellant had gone to see him in order to ask him for permission to till the land in question. This is in contradiction with that declared by Ivor Zammit and namely that he and his father had gone to the appellant and not vice-versa.

… omissis …

Another grievance of the appellant is that based on prescription. That without prejudice to the above the

l-appellant jirrileva illi anke jekk fl-agħar ipoteżi jiġi dikjarat li l-art inkwistjoni hija dik reklamata mill-apellati, xorta waħda l-azzjoni tal-appellati ma kellhiex treġi, u dan stante illi l-appellant ilu jokkupa l-istess art għal aktar minn tletin sena u kwindi ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa issa l-uniku sid tal-istess art.

… omissis …

Għaldaqstant l-appellant filwaqt li jagħmel referenza għall-provi ġja prodotti u dawk produċibbili f'dan l-istadju umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2016, filwaqt li tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati kif dedotti minnhom fir-rikors promotur tagħhom tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat appellanti u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Kevin Zammit u Margaret Zammit vs Carmel Galea, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2020, fl-10.00 a.m. u differita għall-21 ta' April, 2020, fid-9.00 a.m.

Appellati: 136, Empire Bldgs, Fl. 8, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 17 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

appellant points out that even if in the worst hypothesis it is declared that the land in qurestioin is that reclaimed by the respondents, the action of the respondents still does not hold, and this since the appellant has occupied the same land for more than thirty years and thus in terms of Article 2143 of Cap. 16 of the Laws of Malta he is the only owner of the same land.

… omissis …

Thus the appellant whilst refering to the proof already produced and that can be produced at this stage, humbly prays this Honourable Court to annul, cancel and revoke the judgement in the names premised, given by the First Hall Civil Court on the 28th January, 2016, whilst rejecting all the demands of the respondents as brought forward by them in their original application uphold all the pleas of the the respondent appellant and this with costs of both instances against the same respondents.

Whereas the written proceedings in the cause before the Court of Appeal between Kevin Zammit and Margaret Zammit vs Carmel Galea have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on Tuesday, 7th January, 2020, at 10.00 a.m. and put off to the 21st April, 2020, at 9.00 a.m.

Respondents: 136, Empire Bldgs, Fl. 8, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 17th March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

418

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-11 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Riċevitur Uffiċjali Stralċarju F.G.S. Construction Limited vs Falzon Jesmond, Rikors Numru 30/19 JZM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jesmond Falzon, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili ( Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-11 ta' Novembru, 2019, fl-ismijiet Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċità tiegħu ta' Stralċarju tal-kumpanija F.G.S. Construction Limited (C 17794) vs Jesmond Falzon (KI 396667M), ir-Riċevitur Uffiċjali l-Avukat Dr Kevan Azzopardi (KI 493674M) fil-kwalità tiegħu premessa espona bir-rispett:

By means of a decree given by the Civil Court (Commerce Section) on the 11th February, 2020, in the records of the Application in the names Official Reciever Liquidator F.G.S. Construction Limited vs Falzon Jesmond, Application Number 30/19 JZM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Jesmond Falzon, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Commerce Section) on the 11th November, 2019, in the names Official Reciever in his capacity of Liquidator of the company F.G.S. Construction Limited (C 17794) vs Jesmond Falzon (ID 396667M) the Official Receiver Advocate Dr Kevan Azzopardi (ID 493674M) in his capacity premised respectfully pleaded:

i. Illi l-kumpanija F.G.S. Construction Ltd (C 17794) ġiet iffurmata fil-15 ta’ Frar, 1995, b’uffiċċju reġistrat f’Alben House, Ġnien Marga, Il-Baħrija, li eventwalment inbidel għal 2, Triq Għeriexem, Ir-Rabat RBT 03.

ii. Illi minkejja li meta l-kumpanija ġiet iffurmata kien hemm tliet diretturi, li kienu Jesmond Falzon (KI 396667M), Chris Galea (KI 218764M) u Michael Scicluna (KI 170760M), sas-sena 2004 irriżenjaw żewġ diretturi bir-riżultat li mill-2004 ’il quddiem kien baqa’ Jesmond Falzon biss bħala direttur.

… omissis …

vi. Illi kif se jiġi ppruvat waqt is-smigħ tar-rikors odjern, minkejja li l-ex direttur kien jaf li l-kumpanija kienet fi stat ta’ insolvenza u ma kienx hemm prospett xieraq li din tirkupra, dan ma għamel xejn biex inaqqas il-preġudizzju lill-kredituri tal-kumpanija illum xolta.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi fir-rikors, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tistabbilixxi l-ammont li Jesmond Falzon, bħala ex direttur tal-kumpanija llum xolta F.G.S. Construction Ltd, għandu jikkontribwixxi favur l-attiv tal-kumpanija, liema ammont għandu jkopri d-djun tal-kumpanija xolta flimkien mal-interessi relattivi kif ukoll spejjeż tal-istralċ (Rikors Numru 424/2014 JZM) u kwalsjasi somma oħra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkustanzi.

2. Tordna lil Jesmond Falzon iħallas l-ammont hekk stabbilit flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Ir-Rikors fl-ismijiet Riċevitur Uffiċjali Stralċjarju F.G.S. Construction Limited vs Falzon Jesmond, Rikors 30/2019 JZM, jinsab differit għas-smigħ għall-Ħamis, 23 ta’ April, 2020, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Riċevitur Uffiċjali, AM Business Centre, Triq il-Labour, Iż-Żejtun

Intimat: Jesmond Falzon, Sweet Breeze, Triq Bir l-Iljun, Ir-Rabat

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta’ Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

i. That the company F.G.S. Construction Ltd (C 17794) was formed on the 15th February, 1995, with a registered office in Alben House, Ġnien Marga, Baħrija, which eventually changed to 2, Triq Għeriexem, Rabat RBT 03.

ii. That despite that when the company was formed there were three directors who were Jesmond Falzon (ID 396667M), Chris Galea (ID 218764M) and Michael Scicluna (ID 170609), till the year 2004 there resigned two directors with the result that from 2004 onwards there was left Jesmond Falzon only as director.

… omissis …

vi. That as shall be proved during the hearing of the present application, despite that the ex-director knew that the company was in a state of insolvency and there was no reasonable prospect that it recovers, he did nothing to reduce the prejudice to the creditor of the company today dissolved.

Thus, for the reasons premised in the application, the applicant humbly prays this Honourable Court:

1. To establish the amount that Jesmond Falzon, as ex-director of the company today dissolved F.G.S. Construction Ltd, is to contribute towards the assets of the company, which amount is to cover the debt of the dissolved company together with the relative interests as well as the costs of the winding up (Application Number 424/2014 JZM) and any other sum that this Honourable Court deems fit in the circumstances.

2. To order that Jesmond Falzon pays the amount thus established together with further interests till the day of effective payment.

With costs against the respondent.

The Application in the names Official Reciever Liquidator F.G.S. Construction Limited vs Falzon Jesmond, Application 30/2019 JZM, has been put off for hearing to Thursday, 23rd April, 2020, at 9.00 a.m.

Applicant: Official Reciever, AM Business Centre, Triq il-Labour, Żejtun

Respondent: Jesmond Falzon, Sweet Breeze, Triq Bir l-Iljun, Rabat

Registry of the Superior Courts, today 18th March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

419

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2019, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michael Gera et vs Anthony Bartolo, Rikors Nru 14/2019SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Bartolo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Michael Gera (KI 0701854M), John Gera (KI 0483160M), Norman Gera (KI 0532462M), Ana Marie Balzan (KI 0635757M), Catherine Vella (KI 604653M), Joseph Gera (KI 0596247M), Edwin Gera (KI 0731548M) u Stephen Gera (KI 06126569M) vs Anthony Bartolo (KI 299154M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrenti Norman Gera et esponew bir-rispett:

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-għalqa magħrufa Ta' Goggi in kontrada ma' Ħal Luqa ta' kejl ta' ċirka 4 tomniet liema għalqa hija mqabbla għand l-intimat bil-qbiela ta' €14 fis-sena;

Illi l-intimat mhux qed juża r-raba' skont id-destinazzjoni tagħha, u fost affarijiet oħra qed jużaha bħala junk yard ta' vetturi qodma, wettaq żvilupp kontra l-liġi fuq l-istess art u rreġistra l-karta tal-identità fuq il-post u b'hekk qiegħed jużah għal skopijiet residenzjali;

Illi għalhekk ir-rikorrenti qed iressqu l-preżenti kawża quddiem dan il-Bord in vista tal-artiklu 4 tal-Kapitlu 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-istes rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord jogħġbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmija għalqa u għaldaqstant jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-imsemmija għalqa fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri li tikkompeti lir-rikorrenti jew l-aventi kawża minnhom jew l-aventi kawża minnhom kontra l-intimat jew l-aventi kawża tiegħu.

Rikorrenti: Ċipress, Sqaq in-Namur, L-Iklin IKL 1850

Intimat: Rose, Triq Ħal Farruġ, Is-Siġġiewi

Ir-rikors fl-ismijiet Michael Gera et vs Anthony Bartolo, rikors numru 14/2019SG, jinsab differit għas-16 ta' April, 2020, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 25th November, 2019, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Michael Gera et vs Anthony Bartolo, Application Number 14/2019SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Bartolo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Michael Gera (ID 0701854M), John Gera (ID 0483160M), Norman Gera (ID 0532462M), Ana Marie Balzan (ID 0635757M), Catherine Vella (KI 604653M), Joseph Gera (KI 0596247M), Edwin Gera (ID 0731548M) and Stephen Gera (ID 06126569M) vs Anthony Bartolo (ID 299154M), filed before the Rent Regulation Board on the 4th October, 2019, the applicants Norman Gera et requested with respect:

That the applicants are the owners of the field known as Ta' Goggi in the limits of Ħal Luqa measuring approximately 4 tumoli which field is leased to the respondent for €14 per year;

That the respondent is not using the field for its intended purpose, and amongst other things it is being used as junk yard for old vehicles, has carried out a development in breach of the law on the same land and registered his identity card on this place which is therefore being used for residential reasons;

That the applicants had to file this case before the Board in virtue of Article 4 of Chapter 199 of the Laws of Malta.

Thus the same applicants humbly request this Board to authorise them to resume the vacant possession of the said field and thus order the eviction of the respondent from the said land within a short and peremptory time. With costs of this present against the respondent that is from now summoned so that a reference to his oath be made and reserving any other further action regarding the applicants or their successors against the respondent or his successors.

Plaintiff: Ċipress, Sqaq in-Namur, Iklin IKL 1850

Respondent: Rose, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi

The application in the names Michael Gera et vs Anthony Bartolo, Application Number 14/2019SG, has been postponed for hearing to the 16th April, 2020, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*